# Kun Fostna, Alla Wieħed fi Tliet Persuni
## Adorazzjoni Ewkaristika
## bi tħejjija għas-Solennità tat-Trinità Qaddisa
## Ġunju 2023

### Innu waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lit-Trinità preżenti fostna permezz tal-Ewkaristija

Trinità, bla qjies u waħda,
mingħajr tmien, kif mingħajr bidu,
kollox minnek, kollox tmexxi,
kollox qiegħed taħt setgħetek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Inti waħdek u ħadd ħliefek,
ħajja hienja fik innifsek:
safja w bla taħlit, u tħaddan
l-art u s-sema b'kull ma fihom.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Int, Missier, il-għajn tal-grazzja,
Iben, dija ta' Missierek;
Spirtu s-Santu, li ġej minnhom,
inti d-dawl u l-għola mħabba.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Minnek, Trinità ħanina,
waħdek l-aqwa u l-ewwel Bidu,
minnek ġej kulma jeżisti,
kull sbuħija w ġmiel u tjieba.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Niżżuk ħajr, għax lilna msejkna,
ħtart b'uliedek adottivi;
nitolbuk li wkoll tagħmilna
tempji ndaf u xierqa tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O dawl ħaj, agħtina niġu
fis-smewwiet mas-serafini,
ħa nroddulek ħajr, imħabba,
qima, sebħ, tifħir għal dejjem. Amen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Matul dawn il-ġimgħat iċċelebrajna u se niċċelebraw solennitajiet li permezz tagħhom mhux biss nirriflettu dwar il-misteru tal-inkarnazzjoni u l-fidwa u kif

dawn jinżammu ħajja fil-Knisja permezz tas-Sagramenti, imma permezz ta' dawn l-istess ċelebrazzjonijiet joħroġ bħal merżuq ta' dawl minn qalb is-satra ta' Alla li tagħtina ħjiel ta' min hu Alla fih innifsu. U, f'dan is-Sagrament dejjem preżenti u ħaj quddiemna, nistgħu ngħidu li permezz tal-Ewkaristija tinfetħilna tieqa fuq il-misteru tat-Trinità. Tinfetħilna tieqa mhux għax nifhmu l-misteru muri lilna tal-persuni tat-Trinità fid-distinzjoni u l-għaqda tagħhom imma għax Alla jsir aċċessibbli għalina: permezz tal-umanità ta' Kristu offruta lilna bħala ħobż Alla jgħammar fina u aħna f'Alla. Mhux ta' b'xejn li fid-diskors tiegħu dwar il-ħobż tal-ħajja fl-Evanġelju skont San Ġwann, Ġesù jgħid hekk:

> "Ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb. Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih. Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija. Dan huwa l-ħobż li niżel mis-sema; mhuwiex bħal dak li kielu missirijietkom u mietu; min jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem." (Ġw 6, 55-58)

## Innu Ewkaristiku

Fl-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *Sacramentum Caritatis*, il-Papa Benedittu XVI jikteb hekk dwar ir-rabta li hemm bejn l-Ewkaristija u t-Trinità Qaddisa:

> L-Ewkaristija turina il-pjan ta' mħabba li jiggwida l-istorja kollha tas-salvazzjoni (ara Ef 1, 10; 3, 8-11). Fiha Alla Trinità, li fih innifsu hu mħabba (ara 1 Ġw 4, 7-8), isir ħaġa waħda mal-kundizzjoni umana tagħna. Fil-ħobż u l-inbid, li taħt id-dehra tagħhom Kristu jagħtina lilu nnifsu fl-ikla tal-Għid (ara Lq 22, 14-20; 1 Kor 11, 23-26), hija l-ħajja sħiħa ta' Alla li tiġi tiltaqa' magħna u tissieħeb magħna sagramentalment. ... Il-Knisja tilqa', tiċċelebra, u tqim dan id-don b'ubbidjenza kollha fedeltà. Il-"misteru tal-fidi" hu għalhekk misteru tal-imħabba trinitarja, misteru li bi grazzja aħna msejħin biex nieħdu sehem fih. Għaldaqstant, aħna wkoll jeħtieġ li flimkien ma' Santu Wistin nesklamaw: "Jekk tara l-imħabba, tara t-Trinità" (*De Trinitate*, 8.8.12: CCL 50.287). (par 8).

Għalhekk, b'din il-konvinzjoni f'moħħna, ejjew inħallu 'l qalbna tinxteħet biex tqim lil Alla Trinità moħbi hawn quddiemna taħt dan il-ftit dqiq magħġun u moħmi li fuqu s-saċerdot tenna l-kliem tal-konsagrazzjoni u nemmnu: iva, nemmnu, li qegħdin inħarsu f'wiċċ Alla minkejja li hu moħbi u mistur għalina u nistgħu nħallu jfur minna dak kollu li hemm fiha.

Ejjew infaħħruh permezz ta' Salm 8, billi nwieġbu flimkien: ***Kun fostna, Alla wieħed li tista' kollox.***

Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!
Int qegħedt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet. *R/.*

Int, li s-sebħ tiegħek jgħannih
fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib;
int, li bnejt sur kontra l-għedewwa,
biex iġġib fix-xejn l-għadu u 'l min iqum kontrik. **R/.**

Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!
X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?
Ftit inqas mill-allat għamiltu,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,
qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' idejk! **R/.**

Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:
in-nagħaġ u l-baqar kollha, sal-bhejjem tax-xagħri;
l-għasafar tal-ajru u l-ħut tal-baħar,
dak kollu li jterraq fil-baħar.
Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha! **R/.**

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Kemm hu tal-għaġeb dan is-Sagrament, Mulej, imma kemm hu iktar tal-għaġeb meta nħarsu lejh minn din il-perspettiva iktar profonda li tasal sal-qalba ta' Alla. Għax, tassew, kif jikteb Pawlu lill-Korintin: "Bħalma hu miktub, aħna nħabbru 'dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet,' u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh. Alla rrivelahulna permezz tal-Ispirtu; għax l-Ispirtu jgħarbel kollox, sa fil-qiegħ ta' Alla" (1 Kor 2, 9-10).
Nadurawk, Missier qaddis, muri lilna fil-wiċċ uman tal-Iben Etern tiegħek. Nadurawk Ġesù Kristu, int li lejk ħarsu, li rawk b'għajnejhom u missewk b'idejhom missirijietna u għaddewlna din l-istess esperjenza permezz ta' dan is-sagrament. Nadurawk, Spirtu Qaddis, u nitolbuk tgħarbel ukoll sa fil-qiegħ tagħna sabiex terġa' tidher tiddi x-xbieha ta' Alla Trinità minquxa fina fil-ħolqien, u mgħollija għad-dinjità ta' aħwa u wlied fil-magħmudija.

## Innu Ewkaristiku

Missier, Iben, u Spirtu, fl-Ewkaristija intom tiġu tiltaqgħu magħna. Fl-Ewkaristija għandna l-ħidma flimkien tat-Tliet Persuni distinti imma fl-istess waqt ugwali u tal-istess natura għal xulxin: fl-Ewkaristija, Missier, int terġa' toffrilna lil Ibnek bħala ikel għas-salvazzjoni tagħna; u bit-talb tas-saċerdot imsieħeb mill-offerta

tal-ħobż u l-inbid tal-komunità—frott tal-art u ħidmet il-bniedem—int, l-Iben, toffri lilek innifsek lilna biex aħna wkoll permezz tal-umanità tiegħek ningħaqdu fl-istess offerta darba għal dejjem u bla tmiem ta' radd il-ħajr lill-Missier; u dan kollu jseħħ bil-qawwa tiegħek, o Spirtu Qaddis, li bħan-nida tinżel fuq l-offerti sabiex tqaddishom u tibdilhom fil-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù u permezz tagħhom tqaddes lilna, li fil-magħmudija għamiltna wlied adottivi tal-Missier u bla heda twassal it-tnehid tagħna lill-Missier. Kif jikteb San Pawl lir-Rumani: "Hekk ukoll l-Ispirtu, min-naħa tiegħu, jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. Għax aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem; u Alla, li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub, jaf x'inhi x-xewqa tal-Ispirtu; bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skont ma jrid Alla" (Rum 8, 26-27). Għalhekk, b'fidi u konvinzjoni, irressqu t-talbiet tagħna:

- Missier, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, qaddes lill-Knisja, l-Għarusa u l-ġisem mistiku ta' Kristu. Nitolbu.
- Iben Etern tal-Missier, Sultan tas-sliem, ibgħat l-Ispirtu Qaddis fuq il-mexxejja tad-dinja sabiex inissel fihom ħsibijiet ta' paċi u mhux ta' mibgħeda. Nitolbu.
- Spirtu Qaddis, ħaġa waħda mal-Missier u mal-Iben, agħti l-ħajja lil kull min qed jgħammar fid-dlamijiet tad-dubju, tal-biża' u l-qtigħ il-qalb. Nitolbu.
- Missier, Sid il-ħsad, agħti Spirtu ta' kuraġġ lil dawk iż-żgħażagħ li għażilt biex jimxu wara Ibnek fil-ħajja saċerdotali, reliġjuża jew missjunarja. Nitolbu.
- Iben Divin, ħares b'ħarsa ta' tjieba lejn l-umanità maħluqa xbieha tiegħek u mifdija minnek, u qajjem bnedmin mimlijin bl-Ispirtu li jagħrfu jagħtu kelma ta' faraġ u jkunu ta' xhieda f'dinja li tilfet is-sens u t-tifsira ta' kollox. Nitolbu.
- Spirtu Qaddis, kun fil-parroċċa tagħna, fil-komunitajiet u l-familji tagħna, sabiex isiru iktar jixbhu lit-Trinità fl-għaqda ta' bejniethom. Nitolbu.
- Missier Qaddis, ħares lejn il-wiċċ ta' Kristu li ma kontx tarah li kieku ma kienx għad-dnub tagħna, u ħenn għal ħutna l-mejtin immarkati bis-sinjal tat-Trinità li ħadu fil-magħmudija. Nitolbu.

O Alla Missier, inti bgħatt fid-dinja l-Kelma tal-Verità u l-Ispirtu tal-Qdusija, u wrejtna l-misteru tiegħek tal-għaġeb; agħtina li nistqarru l-fidi vera billi nemmnu fit-Trinità Qaddisa, u naduraw Alla wieħed fis-setgħa u l-kobor tiegħu. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla, u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali